**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 2 ta' Marzu 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Ian Abdilla)**

**Vs**

**CONCETTA GAUCI**

**Kump. Nru. 300/2004**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Concetta Gauci** detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 489245(M)**,** giet akkuzata talli:

F'dawn il-gzejjer fid-9 ta' Dicembru 2003 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Xjentement sabiex taghmel hsara lil xi persuna, akkuzajt lil dik l-istess persuna quddiem awtorita` kompetenti b'reat fil-waqt li kont taf li l-persuna kienet innocenti, ghad-detriment ta' Simone De Brincat u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 101 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-13 ta` April 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara *a folio* 5);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet trattazzjoni;

F'dan l-istadju l-Qorti tippuntwalizza li d-dokument esebit bhala dok 19 *a folio* 182 ma ghandu ebda valur probatorju stante li dan hu rapport *ex parte* u li ma sarx fil-parametri tal-kontrolli mehtiega.

In oltre, l-Qorti hadet konjizzjoni tad-dikjarazzjoni li ghamlet Simone de Brincat (ara *folio* 38) waqt id-depozizzjoni taghha tas-16 ta` Gunju 2006, kif ukoll ta` dak ivverbalizzat fl-udjenzi tal-4 ta` Novembru 2013 u tas-17 ta` Marzu 2015 rispettivament (ara *folios* 214 u 225 rispettivament). Jigi puntwalizzat li l-azzjoni odjerna hija wahda ta` ordni pubbliku u ma hijiex rinunzjabbli.

**Ikkunsidrat**;

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti.

Fl-atti giet esebita prokura (dok 3 *a folio* 20) li fiha hemm zewg firem. Wahda ta` Lydia Vella u l-ohra ta` l-imputata Concetta Gauci. Din il-prokura ma ghandhiex data. Giet ukollipprezentata kopja ta` ftehim ta` lokazzjoni datat 2 ta` Gunju 1999, bejn Simone de Brincat u Anthony de Brincat fuq naha wahda u Portman Consultants International Limited fuq in-naha l-ohra, riferibbilment ghall-fond 16, Magazines Junction, Floriana.

Jirrizulta li l-imputata Concetta Gauci, Lydia Vella u Simone de Brincat huma ahwa. Simone de Brincat kienet tiehu hsieb tigbor xi kirjiet tal-familja u eventwalment tqassamhom. L-ahwa msemmija kienu jafu u japprovaw din il-funzjoni li kienet taqdi Simone de Brincat. Maz-zmien pero`, nqala xi dizgwid fuq flus u nuqqas ta` ftehim

dwar mara russa li kienet qed tiehu hsieb lil Evelyn de Brincat, mara anzjana li tigi omm l-ahwa msemmija.

Konsegwenti ghal dan id-dizgwid, l-imputata jidher li skopriet li tezisti firma (allegatament taghha) fuq prokura (gia fuq imsemmija) li sostniet li ma kienetx ghamlitha hi, u skopriet ftehim ta` lokazzjoni bil-miktub (gia fuq imsemmi).

In segwitu ghal dan, l-imputata rrikorriet ghand il-pulizija u ghamlet rapport formali datat 9 ta` Dicembru 2003 (ara dok 6 *a folio* 26) riferibbilment ghall-firma, allegatament taghha, li tinsab fuq il-prokura. Flimkien ma dan ir-rapport, l-imputata tat lill-investigaturi *sample signatures* taghha (ara dok 12 *a folio* 64). Ukoll, l-imputata, tramite l-avukat taghha, ghamlet rapport lill-pulizija permezz ta` ittra datata 8 ta` Jannar 2004.

Kif jirrizulta car mix-xhieda ta` Simone de Brincat, hija hassitha mwegga hafna bil-fatt li ohtha ghamlet dan ir-rapport lill-pulizija u indikat li setghet kienet hi (Simone de Brincat) li ffalsifikat il-firma ta` ohtha Concetta Gauci fuq il-prokura *de quo*. Simone de Brincat tichad kategorikament li hi iffalsifikat il-firma ta` ohtha Concetta Gauci; anzi tinsisti illi kienet Concetta Gauci stess li effettivament iffirmat il-prokura msemmija.

A bazi ta` dan kollu, l-pulizija jidher li hadet id-decizjoni li minflok tinvestiga l-awtenticita` o meno tal-firma allegatament falza ta` Concetta Gauci fuq il-prokura *de quo*, iddecidiet li tressaq lill-imputata skond l-imputazzjoni dedotta.

**Ikkunsidrat**;

Jirrizulta illi l-imputata, malli intebhet, kif tghid hi (ara l-istqarrija taghha dok 1 *a folio* 17) bil-ftehim ta` lokazzjoni mikutb u l-prokura *de quo*, hija rrikorriet ghand il-pulizija u ghand l-avukat taghha. Li ghamlet l-imputata hu propju dak li cittadin, b'sens civili, ghandu jaghmel – tmur ghand l-awtorita` kompetenti u taghmel ir-rapporti necessarji ma tali awtorita`.

Tant jidher li ma kellhiex x'tahbi, illi mar-rapport taghha, propju fid-9 ta` Dicembru 2003, hija tat lill-istess awtorita` kompetenti (il-pulizija) *sample signatures* sabiex il-pulizija tkun tista tinvestiga l-ilment taghha stess.

Din il-Qorti (kif jirrizulta wkoll li kienet il-pulizija meta bdiet tinvestiga) hi rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti. L-imputata tghid li dik il-firma ma hijiex taghha filwaqt li ohtha Simone de Brincat tghid li dik il-firma fuq il-prokura hija propju ta` l-imputata u allura l-imputata riedet taghmlilha l-hsara meta rrappurtatha lill-pulizija u qalet li setghet ghamlitha hi (Simone de Brincat).

La darba din il-Qorti giet rinfaccjata b'dawn iz-zewg verzjonijiet konfliggenti, kien jehtieg studju aktar fil-fond biex jigi stabbilit jekk il-kaz tal-prosekuzzjoni kienx wiehed sostenibbli.

Jirrizulta car mill-atti li hadd ma ra l-firma ta` Concetta Gauci fuq il-prokura *de quo* ssir. Dan bhala fatt jibda jqanqal id-dubbju. Dan kollu, mehud fil-kuntest tal-fatt li l-prokura allegatament thalliet ghand Concetta Gauci biex tiffirmaha u wara din l-istess prokura ngabret minn Simone de Brincat u ommha Evelyn de Brincat, u l-fatt li l-prokura ma ghandhiex data, jkompli jqanqal id-dubbju f'mohh din il-Qorti kemm l-allegazzjonijiet tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz huma jew qatt setghu ikunu sostenibbli.

Din il-Qorti tosserva li l-prosekuzzjoni ma ghamlet ebda investigazzjoni biex tara jekk il-firma fuq il-prokura li allegatament hi ta` Concetta Gauci, hijiex awtentika jew le. Minn naha taghha, bis-sahha tar-rizultanzi processwali, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi jezisti dubbju dwar il-firma ta` Concetta Gauci fil-prokura msemmija, u dan wara li *de visu* tqabbel id-diversi firem li jirrizultaw fil-process u li allegatament huma ta` l-imputata Concetta Gauci.

**Ikkunsidrat**;

Mehud dan kollu flimkien, din il-Qorti ma rriskontrat ebda prova cara u oggettiva fil-process li tikkonvinciha, sal-grad tal-konvinciment morali, li nhar id-9 ta` Dicembru 2003 u fiz-zmien ta` wara, l-imputata, biex taghmel hsara lill-ohtha Simone de Brincat, xjentement akkuzat lill-istess Simone de Brincat b'reat li kienet taf li l-istess Simone de Brincat ma ghamlitx.

Il-fatt biss li l-imputata irrapportat lill-pulizija l-ilmenti taghha u l-fatt li identifikat lil Simone de Brincat bhala suspettata li ghamlet dak irrapportat, mhux bizzejjed ghas-sostenibbilita` ta` l-azzjoni mressqa mill-pulizija. Il-Prosekuzzjoni, fuq kollox, kellha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi, li l-impuata, meta ghamlet ir-rapport taghha, kienet taf li l-firma allegatament taghha li saret fuq il-prokura *de quo*, ma kienetx maghmulha minn Simone de Brincat. F'dan ir-rigward, hemm definittivament insufficjenza ta` provi.

Dan kien kaz sfortunat li twieled minn piki zejda bejn l-ahwa. U l-pulizija kien messa analizzat ahjar dak li kien qed jirrizultalha waqt l-investigazzjoni qabel qabdet u inizjat dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**.

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL CONCETTA GAUCI MHUX HATJA TA` L-IMPUTAZZJONI DEDOTTA KONTRA TAGHHA U MINNHA TILLIBERAHA SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur